



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

---

**2011/2020(BUD)**

26.5.2011

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-pożizzjoni tal-Parlament dwar l-abbozz tal-Baġit 2012 kif emendat  
mill-Kunsill - it-taqsimiet kollha  
(2011/2020(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Pervenche Berès

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' ż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-inizjattivi ewlenin "Żgħażaġħ Mobbli" u "Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar"; ifakkar li l-kriżi għadha għaddejja u huwa kontra t-tnaqqis reali fil-kapitolu "impjeg u affarijiet soċjali" u l-inizjattiva ewlenija "Ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda";
2. Jitlob żieda fl-appropriazzjonijiet ta' ħlas tal-Fond Soċjali Ewropew u l-ħolqien ta' kategorija ġdida ta' reġjuni intermedjarji;
3. Jilqa' t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali fil-kuntest tal-inizjattiva ewlenija dwar il-ħiliet ġodda u jixtieq li jkun hemm rikonoxximent baġitarju tar-rwol tagħhom fil-politika industrijali;
4. Ifakkar fil-ftehim li sar dwar l-istrument ta' mikrofinanzjament dwar il-Progress u jitlob għalhekk li jkun hemm EUR 7 miljuni supplimentari f'appropriazzjonijiet;
5. Jenfasizza li l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jimmira li jikkwalifika u jagħmel impjegabbli lill-ħaddiema; biex jiġu aċċellerati l-proċeduri, jitlob appropriazzjonijiet ta' ħlas fuq il-linja baġitarja tiegħu;
6. Ifakkar dwar il-ftehim dwar is-Sena Ewropea tax-Xjuħija Attiva u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u jappoġġa l-ħolqien ta' linja baġitarja għall-EUR 2.7 miljun li għandhom jiġu previsti għall-azzjonijiet tagħha fl-2012;
7. Jipproponi li jiżdedu l-appropriazzjonijiet ta' impenn tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ biex il-pajjiżi sħab tar-reġjun tal-Mediterran jingħataw appoġġ fir-riforma tas-swieq tax-xogħol tagħhom u tas-sistemi ta' edukazzjoni professjonali tagħhom, kif ukoll il-promozzjoni tad-djalogu soċjali;
8. Jipproponi żewġ proġetti pilota favur is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema kbar fl-età kif ukoll garanzija għall-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol.